# FIS-SIKTA TA' WIED MAGHLAQ

*Ta'* ANTON AGIUS

IL-BARUNI kellu dar kbira mibnija ftit 'il barra mir-raħal. Fir-raħal tgħaddi b'palazz, kienet taqdih tajjeb għall-jiem tassajf.

Huwa waqaf fil-loġġa jserraħ lilu nnifsu fuq idejh it-tnejn poġġuti fuq il-ħoġor taċ-ċint tal-loġġa. Imħasseb, semma' ħsibijietu lill-beraħ mifrux taħt ħarstu. Waqt li ta daqqa mal-ħoġor taċ-ċint biex juri l-qawwa ta' fehmtu, gerger: "Dak l-imbierek ta' tifel jeħtieġ li nara kif ser infiehmu. Jeħtieġli. Għax m'għandux jifhem li din mhix dinja fejn wieħed joqgħod jaħseb fuq dak li huwa tajjeb, dritt jew sewwa? Kif m'għandux jitgħallem darba għal dejjem li għandu jifhem x'inhi l-ħajja? Jekk ser ikompli fit-triq li qabad, jaħbat ħażin".

Il-Baruni ma kienx jaf kif jaqbad ja sibha fuq ibnu. Daqqa beda jiġih ħsieb f'rasu li ibnu ma kellux moħħu f'loku, u daqqiet għaddielu minn moħħu li jħalli kollox għaddej kif kien bit-tama li dak li lemaħ f'ibnu kien kollox ta' mument.

Bin il-Baruni kien magħmul daqsxejn fit-tul bħal min-naħa t'ommu, għajnejh jolqtuk b'ħarsithom, ġbinu wâsa', wiċċu jixhed serjetà akbar mis-snin li jgħodd, xufftejh sbieħ, iżda jidhr ukemmxejn magħfusin ma' xulxin bħallikieku għassa tajba għall-kliem li jlissen, dirgħajh tajba u spallejh felħana. Kellu dehra li tolqtok u tiġbdek.

Pawlu, bin il-Baruni, ma kienx moħħu li jidher fost nisel il-kbarat. Huwa kien aktarx jaħrabhom u mġiebtu daqqiet tixhed li jiddejjaq b'xi frugħat ta' għemilhom. Moħħu u qalbu kienu fit-tagħlim: jaqra, jaħseb, u jagħmel mill-aħjar biex jifhem il-kotba li sabhom għajn ta' tagħlim.

L-aktar li laqtitu meta tgħallem li hemm min ma jifhimx fil-ħajja bħalu: meta sab min ifiehmu li mhux bilfors kellu jkun wieħed milli jmexxi d-destin tal-gvern ta' pajjiżu, u li bniedem ieħor, kien min kien, sata' jsamma' leħnu daqskemm sata' huwa li kien bin il-għonja. Mhux għax sata' jilqa' dat-tagħlim kif ġieb u laħaq, iżda meta rama jagħmilha bi drawwa li joħroġ idur u jieqaf jitħaddet ma' xi bidwi jaħdem fir-raba', beda jifhem aħjar il-ħajja. Meta jarawh jieqaf ħdejhom, erħilhom isellmulu, jieħdu pjaċir bih, jistaqsuh fejn sejjer, u waqt li jiltwew 'il fuq iserrħu daharhom, b'leħen jaħbi l-għira għalih igħidulu li x-xogħol tar-

raba' jfisser tbatija. Pawlu, isma' l-lum u isma' għada, rama jtiegħem u bħal jifhem il-ħajja li huwa ma kienx jaf.

Mhux hekk biss. Meta jarawh jismagħhom b'għaqlu kollu, arahom jtarrfulu x'għadda mingħalihom u x'semgħu fiħsiebu jagħmel is-Sultan għat-tmexxija ta' dawn il-Gżejjer. Kif ukoll, erħilhom isemmgħulu l-intietef li ġraw fil-ħâra. In-nies kienet dratu. Tgħallmet li setgħet tferragħ miegħu dak il jgħaddi mingħaliha.

Beda jifhem kif il-bniedem jasal biex jieqaf lill-mewġ tal-ħajja. Beda jtiegħem u jħoss x'jgħaddi mingħalih l-imġarrab. Pawlu ltaqa' mal-ħajja. Beda jħabbat wiċċu ma' għemil it-tajjeb u l-ħażin, il-ġid u d-deni, id-dritt u l-imgħawweġ, il-ħajja u l-mewt. Hekk bin il-Baruni sar jaf aktar minn sħabu x'tagħti l-ħajja u d-dinja. U meta kien jaħseb fuq dak li ra jissawwar madwaru, fil-ħrara u l-ħeġġa ta' żgħożitu għall-ħaqq, kien iħoss li jeħtieġ jiġi ż-żmien meta dak li deher mgħawweġ isir dritt. Fuq kollox, drabi beda jeħwden ukoll fuq jekk min kien fil-ħakma kellux jitqies ħati jew le tal-hemm li ħass itaqqallu ħsibijietu. Pawlu mhux l-ewwel darba u tnejn stħajlu u ħolom li huwa sata' jagħti ħajja ġdida 'l min deherlu mejjet fil-qerq.

Pawlu beda bħal jiffissa fuq il-ħajja li jara madwaru ta' kuljum. Erħilu jaħseb u jgħarbel għaliex ma sarx jew m'għandux isir il-ħaqq, għaliex ma jitwarrabx għal kollox l-imgħawweġ, u kif kellu jkun li madwaru jgħix il-ħażen. L-aktar li ma setax jifhem għal kollox kien meta jisma' 'l missieru jwiddbu li jekk joqgħod jitfittet fuq dawn il-ħsibijiet, jaħbat ħażin, in-nies tiddieħek bih u mhux tiżżiħħar.

Missier Pawlu kien joqgħod jisma' 'l ibnu jkellmu fuq dak li jkun qara. Mhux l-ewwel darba u tnejn li damu qatigħ jitkellmu fuq il-ħajja u l-imġieba tal-bniedem. Il-Baruni bħallikieku xtaq li jħalli 'l ibnu jiftaħ moħħu bil-qari u jfittex jitħallat man-nies tat-triq, iżda min-naħa l-oħra ma ridux jinsa li huwa kien nisel il-kbarat u għalhekk messu jimxi bħall-bqija ta' sħabu. Għal missieru, Pawlu ma kellu jfittex 'il ħadd ħlief ulied il-għonja għax minnhom ried u magħhom sata' jgħix ħajtu. Sema' 'l missieru jfakkru li ma kellux ħlief għan wieħed, dak li jħaddan triqet missirijietu kif ukoll li ħsiebu ma kellux ikun li jdeffes f'rasu flieles ta' idejiet ġodda. Fuq kollox, missieru widdbu biex juri wiċċ sabiħ lill-Kavalieri ta' l-Ordni u kemm seta' jurihom li jieħu pjaċir, jekk mhux ukoll jitqanna b'għemilhom. Ma kellux joqgħod italla' u jniżżel jekk dan jew din kenitx tajba jew ħażina.

Barra minn dan, ħtieġlu jitgħallem jagħraf jistor x'kien iħoss f'qalbu u juri f'għemilu dak li jgħidlu l-għaqal.

Semgħu t-twiddib Pawlu, u wiegħed lil missieru li jagħmel kif xtaq hu. Pawlu fehem li huwa kien dgħajjef ħdejn il-qawwa tal-kotra u l-ħakma, kif ukoll li jekk tagħti r-riħ u l-qawwa 'l-bnedmin, kienu min kienu miġbura fil-kotra, xorta waħda jibqgħu l-għeltijiet u t-taqriq. Iżda b'danakollu l-ħsieb li jeħtieġ isir issewwa u l-ħaqq baqa' jgħawwar f'moħħu.

Mhux għaġeb mela li drabi, bla ma ried, kien isib ruħu jaħseb u jixtarr dak li fehem x'kien qiegħed jiġri f'dar missieru. Widdbuh li ma kellux jieħu għal Don Antonio Rodriguez de Cordoba, Kavalier ta' l-Ordni ta' San Ġwann, mogħni b'unuri kbar u nisel ta' familja mfaħħra ma' wild demm nobbli.

Dal-ħali ta' Don Antonio fettillu juri mġieba l-aktar ħelwa ma' Ineż, oħt Pawlu. B'hekk ta ħafna x'jgħidu lin-nies. Malajr fattruha li Ineż inġibdet lejh, aktarx li kienet tħobbu. Kif ukoll, xerrduha minn taħt l-ilsien illi kieku ma kinux il-wegħdiet ii hu ħalef meta laqgħuh Kavalier fl-Ordni, ilu li stqarr imħabbtu lejha.

Dil-biċċa ma kenitx iddoqqlu lil Pawlu. Deherlu li Kavalier ta' San Ġwann kellu jagħraf aħjar dmirijietu lejn wegħdiet maħlufa lill-Mulej. Tfantas meta fehem il-kburija, il-frugħat ta' mġieba mhux xierqa ta' bin l-Irħieb ta' San Ġwann. Fuq kollox, Pawlu kien italla u jniżżel li Don Antonio kien wieħed li jħares ħajja ta' lġiem. Deherlu li dak il-frustier Spanjol qiegħed jonqos sew u li ma kellux jikser il-wegħdiet ta' Kavalier ta' San Ġwann. Għal Pawlu, għemil il-Kavalier lemħu l-akbar nuqqas magħmul minn bniedem bħala bniedem li jgħix f'din l-art.

Don Antonio kien seraq qalb Ineż. Erħilu jfesfes f'widnejha mħabba bla qies. Hija ferħana għax sabet min jimlieha bi kliem l-imħabba, intelqet titgħaxxaq bi kliemu u mġiebtu. Għemiet warajh bħal farfett li jdur u jerġa' jdur mad-dawl tan-nar.

Għal sengħet l-imħabba kollox kien igħinu. Magħmul ftit fit-tul, b'wiċċu minqux sabiħ u għajnejn griżi, spallejh iżommhom mitfugħin kemmxejn lura, kellu dehra ta' statwa wieqfa mkabbra biha nfisha. Iżda meta jrid, kien juri wiċċ ħlejju u kliem ta'tifħir dejjem lest fuq fommu.

Huwa kien jaf x'inhi sbuħija. Ineż, bħal dik il-warda sabiħa li ġnien il-ward ifettillu jagħmel darba fis-sena, kien fiha dehra ta' ġmiel li mela mhux biss moħħ il-Kavalier Spanjol iżda kull min kien jaraha. Twila, ftit irqajqa, Ineż kienet tfajla donnha

minsuġa minn seħer is-sbuħija. Wiċċha kien qisu pinġut mill-aqwa pittur u mogħni b'par għajnejn sbieħ ileqqu b'dawl li jimlieh bil-ferħ. Xuxitha kien imġiegħed f'nokkli li jistednuk tmellishom u fommha lest dejjem għal tbissima tisraq il-qalb. X'ma jissaħħarx dak il-ħali ta' Kavalier!

Il-Baruni, missierha, kellu għajnu mimlija b'Ineż. Ħa pjaċir jara 'l daru tilqa' l-Kavalieri ta' l-Ordni. Fehem li qabillu jimxi mal-vina għax, jekk ifettilha ma' nies tal-ħakma, jista' jaħbat ħażin. Wara kollox ulied il-għonja ta' l-Ewropa jagħmlu ġieh għand min jidħlu, u n-nies ta' Malta xieraq tilqagħhom.

Iżda Pawlu ma ġerrgħux lill-Kavalier. Għalkemm kien isellimlu u jistor is-sentimenti ta' qalbu lejh, b'danakollu l-qalb ma titkellimx biss bil-fomm u l-imġieba li tidher minn barra. Mill-banda l-oħra, Don Antonio xemm li Pawlu mhux għal kollox raħ sabiħ. Dak l-għafrit intebaħ x'kienet il-biċċa. Fehem li għemilu u mġiebtu ma' Ineż tat f'għajnejn ħuha. Iżda billi kien aktar jaf igħodd sal-għaxra, sarr kollox ġo fih bħallikieku ma fehem xejn. Ma kienx iblaħ il-ħajjen. Lil Pawlu kien jaf jieħu ħsiebu biex ma jfettiliex miegħu. Għalih Ineż l-aqwa. Il-Kavalier l-għors tiegħu jfittex ix-xagħra fl-għaġina biex joqgħod jitkellem ma' Ineż mingħajr ksir ir-ras ta' ħadd.

Xortih dejjem għenitu. Ix-xoqqa f'moxtha ġietu meta l-Baruni stiednu jgħaddi jumejn fil-palazz li kellu barra mir-raħal u li kien jaqdih biex iqatta' ġimgħa jew tnejn, meta jiftillu, l-aktar fis-sajf, 'il bogħod mill-ħsejjes ta' l-ibliet. Feraħ b'din l-istedina Don Antonio. Moħħu dejjem jagħwar kif jaqdi ħsibijietu, ressaq il-boċċa ħdejn il-likk. Dur minn hawn u dur minn hemm ra kif ħaseb li jiftiehem ma' qaddej tal-Baruni biex jiltaqa' ma' Ineż mingħajr ma' l-oħrajn ikunu jafu.

Il-Kavalier ma weriex fis-sew lil sħabu għand min sejjer, iżda ħarrfilhom li ser iqatta' xi jumejn l-Imdina. Ma kienx iħobb min iseksek fuqu.

Minn filgħodu kmieni hejjewlu żiemel u ma' lsir telaq għal għand il-Baruni. Biex ma jagħtix fil-għajn, la tgħabba bi lbies ilellex u lanqas bi xkiel ta' armi żejda. Ma baqax sejjer dritt għandu, iżda ħarab ir-raħal u ġibed għal fuq ix-xagħra ta' ħdejn Wied Magħlaq. Meta waslu hemm, intasbu jistennew taħt ħar-ruba xiħa mxabbta ma' ħajt. Don Antonio ma kellu biża' minn ħadd, għax dirgħajh kienu tajba u l-ilsir iġibu lil sidu. Waslu għal ħin tal-għaxra. Wara li damu jistennew xi nofs siegħa, semgħu tkarwit fil-bogħod ta' kaless qiegħed joqrob mit-trejqa

ta' fuq ir-riħ tal-wied. Il-Kavalier qam minn fejn kien, tela' fuq zokk tal-ħarruba, ta ħarsa sewwa u malajr għarfu ta' min kien. L-ilsir kien jaf x'kellu jagħmel, qabad iż-żewġt iżwemel u warrab minn hemm. Il-kaless ma damx qatigħ li wasal fix-xagħra fejn kien hemm dak jittenna. Il-ftehima kienet seħħet.

Dak il-qaddej tal-Baruni f'dik il-għodwa sabiħa kien ħajjar bis-sħiħ 'l Ineż toħroġ dawra bil-kaless, u kollox miftiehem minn qabel, il-qaddej kien jaf 'il fejn kellu jsuqu l-kaless. Ineż tħajjret u ma qalitx le. Ġie x'qalilha li jekk tgħid iva, kellha tiltaqa' ma' xi ħadd li tafu u kienet tieħu gost tiltaqa' miegħu. Għandek tgħid għan-niżla kull qaddis igħin, anki l-qalb!

U ċeqlem ċeqlem fl-aħħar il-kalass wasal fuq dik ix-xagħra li minnha tilmaħ fil-bogħod lil Filfla. Il-qaddej ħa f'idejh ir-riedni u mexxa 'l-bagħal fejn ried. Meta deherlu waqqaf il-kaless. Filwaqt li beda jfaħħar id-dehra tas-sbuħija li lemaħ madwaru, stieden 'l Ineż tinżel tagħmel xi żewġ passi, għax kif fehemha hu, kellhom jagħmlulha l-ġid. Ineż ma qalitx le. Dak l-imbierek ta' qaddej beda jtaqtaq... daqqa jgħidilha li l-għefieren kienu jgħmmru ġo Filfla, daqqa juriha b'subgħajh din u daqqa dik. Ħadilha rasha bi kliemu. Meta deherlu, il-qaddej żellqilha l-kliem li dak in-nhar kellu jiġi wkoll wieħed sinjur jagħmel dawra sa hemm. Ineż fehmet malajr x'ried igħidilha. Fommha tbissem għall-bxara. Tistgħu taħsbu, ma damitx ma sabet ruħha wiċċ imb'wiċċ mal-Kavalier Don Antonio. Tal-kaless ma telifx żmien fejn ma kellux. B'ħafna tislim qalilhom li ħtieġlu jserraħ il-bhima għad-dell ta' ħarruba li kienet tidher lil hinn sew minn fejn kienu. Don Antonio ħatfu fil-kliem, faħħru għall-ħsieb tiegħu, u tal-kaless warrab minn ħdejhom.

Ineż u l-Kavalier ferħu b'xulxin li ma ngħidlekx. Kliem sabiħ, faħħari u għasli sqiehom lil Ineż waħda wara l-oħra. Bħall-inbid sakkar il-moħħ u ferraħ il-qalb. Ineż tisma' u tisma' bdiet tinfexx titbissem u tidħak daħk ħafif ferrieħi. Għajnejn il-Kavalier il-ħin kollu fuq wiċċ Ineż u hi xxaħxħet fil-benna ta' kliemu. Iżda l-għera ta' dak il-beraħ qajjem 'l Ineż minn dik il-ħolma qasira. Riedet titilqu bla ma jgħaddi żmien aktar. Għalkemm ma riedx 'l Ineż tħallih malajr u deherlu li ż-żmien beda jarah itir, hija kienet fuq ix-xwiek li ma jinqalax xi sabi, jarahom hemm u jgħallatha ma' missierha. Għid minn hawn u għid minn hemm, Don Antonio kellu bil-qalb it-tajba jtemm il-laqgħa tiegħu magħha. Iżda ma ssabbarx qabel ma ressaq wiċċu ma' tagħha u seraq bewsa li serrħitlu qalbu.

Ineż, bħallikieku bejn ferħana u bejn imtaqqla' minn xi għelt riedet tfittex teħles minn hemm. Wassalha sal-kaless u wara li sellmilha, ħalliha tmur. Il-qaddej ġieb il-kaless u waqt li fetaħ il-bwejba biex tidħol Ineż, il-Kavalier wieżnu baxx baxx xi żewġt ewieq. Telgħet u ntasbet ġewwa. Il-qaddej imbotta kemmxejn il-kaless ħa jgħin 'l-bagħal, ċaqċaq il-frostin u saq il-bhima. Huwa u miexi l-kaless, Ineż xirfet rasha 'l barra u bdiet ixxejjirlu b'maktur abjad tal-ħarir, waqt li huwa wkoll wieġeb għat-tislijiet tagħha. Fl-aħħar il-kaless, wara li dar ma' liwja tat-trejqa ma deherx aktar.

Bil-kemm laħaq għab il-kaless li Don Antonio ma bediex igerger waħdu li Ineż kienet ħallietu hekk malajr. Deherlu li bil-kemm kellu żmien jistaqsiha, "X'minnek ħabiba?" B'danakollu ħassu ferħan, u ġieb quddiem għajnejh il-hena maħżuna għalih fid-dar tal-Baruni. Fehem li ma qabillux jitlaq dritt għal għand il-Baruni dak il-ħin. Għal wiċċ il-flien, l-aħjar li jagħmel kien li jistenna sakemm igħaddi ftit tal-ħin sew.

Biex iqatta' l-ħin li kien għad fadallu hemm, dak il-Kavalier ħaseb li seta' jagħmel dawra mal-ħâra u jagħti titwila lix-xagħri u l-irdumijiet li jsaltnu fuq il-medda baħar mifrux taħt ħarsithom. Ħass il-għana u l-fwieħa tar-rebbiegħa fil-ħolqien timlielu sidru b'ħeġġa ġdida. Imtela b'ħajja ġdida, ħajja msoqqija minn kilba għal serħ l-imħabba.

Ħalla l-ilsir maż-żwiemel ħdejn ħarruba kbira, telaqlu fi ħsiebu xi biċċiet tal-armi u ħwejjeġ biex ma jtaqqluhx u jfixkluh, u warrab minn ħdejh.

Minfuħ bih innifsu, joħlom il-pjaċir li ser jistennieh il-għada, jitħenna waqt li lemaħ ġmiel il-għors ta' mħabbtu fil-ħolqien ta' madwaru, ried jersaq aktar qrib lejn il-kobor ta' baħar mifrux taħt ħakmet għajnejh minn dak il-għoli. Minn hemm fuq il-baħar deher sieket bħal jitħarrek qajl qajl. Issaħħar iħares lejh. Aktar ma serraħ ħarstu fuqu, aktar sammar għajnejh lejh mitluf imbellah minn ġmielu u qawwietu mistura fil-għera ta' dak il-beraħ.

Ma damx ma laħaq tarf wieħed mill-irdumijiet li ssib wieqfa dawk in-naħiet. Mitluf iħares u jerġa' jħares madwaru, ma semgħux mill-ewwel lil min kien riesaq lejh. Meta ntebaħ li kien hemm xi ħadd, dawwar wiċċu u lemaħ 'l Pawlu, bin il-Baruni.

Il-Kavalier għall-ewwel baqa' jħares lejh ftit ċass, daqsxejn imqit, u għal waqt ġbinu mtela tikmix huwa u jiffissa għajnejh

lejh jixtieq jifhem għaliex kellu jkun hemmhekk dak il-ħin. Iżda malajr ġie f'sensih, resaq lejh, u b'turija ta' ħeġġa laqgħu b'idu miftuħa, jitbissimlu u jfajjarlu kliem mimli żegħil. Igħid u jerġa' jgħid, Don Antonio ma ħalliex żmien lil Pawlu jwieġeb. Bin il-Baruni jisma' dak il-kliem kollu tifħir, għall-ewwel baqa' mbellah u ħalqu magħluq. Iżda wara ftit, b'leħen mimli tifsir, gerger:

"Biżżejjed ħabib. Mingħalik ser tagħmini bix-xejn. Kemm ser iddum tkasbarni bi kliemek mimli tifħir għalija?!"

L-ieħor gidem xofftu bil-ħatfa. M'għarafx kif jaqbad jifhem il-biċċa. B'leħen ħelu u jxejjer idejh, bħallikieku ried igħidlu biex ineħħi minn moħħu ħafna ftietaq, qallu:

"Isma'!... Isma' x'kull biċċa!! Pawl, aħna ħbieb. X'tak? Mela qiegħed toħlom?!"

"M'iniex noħlom", għajjat Pawlu.

Pawlu nfixel kif sewwa sew jiġbor dak kollu li kellu maħżun f'moħħu u qalbu li xtaq iferragħ dak il-ħin. Hass bħal toqol li dallamlu ħsibijietu u ma għarafx x'igħidlu. Mikdud fih innifsu ma setax jaħseb sewwa x'ried jagħmel dak il-waqt. Imqanqal mill-ħeġġa tax-xewqa li jlissen xi ħaġa, ħassu mġiegħel li minnufih itennilu:

"M'iniex noħlom. Jekk ħlomt, ja Kavalier ta' San Ġwann, ħlomt għax naf għemilek. Int ħalliel. Dinek qridtu. Qiegħed tgiddeb il-ħalfa li twettaq il-wegħdiet tiegħek ta' l-Ordni reliġjuż tiegħek".

"X'il-mnieghel qiegħed tgħid? Xi ħsibt li inti qiegħed tagħmel?", qatagħlu kliemu l-Kavalier imgħaddab. "Ilħaq affarik, baħnan, u agħlaq ħalqek... Warrab... Itlaq".

Don Antonio telgħalu u ħass x'jimbuttah biex iġiegħelu jneħħi minn quddiem għajnejh lil Pawlu. Beda jfegħren ġo qalbu, u minn fommu beda ħiereġ kliem ta' qilla. Xofftejh imġebbdin kemmxejn ma' xulxin, għajnejh ftit imbexxqa, wiċċu mimli rabja, resaq 'il quddiem bħal biex iwarrab lil Pawlu minn fejn kien. Pawlu, wiċċu mqarras, imtela' b'ħeġġa u sserdak hu wkoll.

It-tnejn ħarsu lejn xulxin, lesti biex jaħbtu wieħed għall-ieħor; it-tqanqiliet ta' mibegħda għal xulxin dallmu l-wiċċ kemm ta' wieħed kif ukoll ta' l-ieħor. F'ħabta u sabta t-tnejn ħebbew għal xulxin u ntefgħu jagħtu d-daqqiet wieħed fuq l-ieħor.

It-tnejn kienu tista' tgħid ta' li-stess daqs u qawwa. Mitlufa f'dagħdigħa liema bħalha, mingħajr waqfien iballtu fuq xulxin,

wieħed ried iwaqqa' u jxewlah 'l-ieħor. Wiċċhom imbergħen u mbenġel, ma waqfux jagħtu daqqa wara l-oħra. Fl-aħħar, mitlufa barra minnhom innifshom, inxteħtu u qabdu f'xulxin. Jitbandlu 'l hemm u 'l hawn, fl-aħħar waqgħu fuq il-blat ippuntat. Mal-waqgħa t-tnejn bla ma jafu karbu għajat ta' uġigħ. Imbenġlin u bi ħwejjiġhom imċarrta, riedu joħonqu 'l xulxin. It-tnejn jippruvaw jiżgiċċaw minn dwiefer xulxin, bdew jitgerbu fuq il-blat li jiżżerżaq għall-minkeb ta' l-irdum. Aktar ma wieħed jagħmel il-ħila tiegħu biex jeqred l-ieħor u jeħles minn dwiefer il-għalb tat-telfa, aktar il-qerda ta' xulxin qorbot. Meta laħqu t-tarf ta' l-irdum, aktar ħassew u fehmu bla ma riedu d-deni qrib tagħhom, u aktar għamlu ħilithom biex wieħed jeħles mill-ieħor. Kien kollu ta' xejn: it-tnejn għelbu għal isfel.

Niżlu jitgerbu, jaħbtu mal-blat wieqaf ta' l-irdum. Waqgħu fuq biċċa blata li mad-daqqa tal-waqgħa firdithom u waddbithom u medditħom wieħed naħa u l-ieħor oħra. Ġisimhom imċarrat, għadamhom imkisser maħsul fid-demm, straħu bla ħajja fuq il-qiegħa żonqrija ta' l-art.

Xhud ta' dak li sar, ċawlun kbir, bħal vleġġa ħierġa mill-qaws ittajjar mill-bejta tiegħu mrekkna mal-wiċċ ta' l-irdum. Iswed daqs il-mingħul, għajnejh ħomor nar, dak il-ħin dar u reġa' dar fuq ix-xagħra jingħi u jokrob bil-għajta tiegħu li mliet kullimkien.

Is-sagħtar u l-plejju tax-xagħra fewħu qabarhom.

Għal għaxet in-nhar fittxuhom fuq li fittxuhom. Fl-aħħar sabuhom siekta fil-għera tal-mewt. Tħassrrithom in-nies. Kulħadd qal li jafuhom jinħabbu ta' żewġt iħbieb. Kulħadd qal li tabilħaqq waqgħu minn hemm fuq għax marru jittawlu għal isfel jew marru jixxabtu mal-blat. Weħlet il-ħarsa ħażina tal-għajn. Kien xi magħmul kiefer ta' xi saħħara lii għeret għal imħabbithom u serqitilhom l-hena tal-ħbiberija għal xulxin.

Intemmu t-tnejn u ż-żmien ħatafhom fi ħdanu. It-tnejn ittarfu, it-tnejn iġġarfu.

Fejn ħallew ħajjithom, in-nies ksewh bil-fjuri li wara żmien dbielu u spiċċaw. Iżda fejn instab Pawlu ħawwel warda bidwi xiħ li kien fiż-żmien daq mill-ħlewwa ta' mġiebtu. Ha ħsibha sew il-warda, u bintu, tfajla sbejħa, dejjem ħasbet tisqilha ilma frisk.

Għadhom jgħidulek sal-lum li l-warda kibret u xjieħet. Tismagħhom itarrfulek ukoll li ta' kull sena nhar il-mewt ta' Pawlu baqa' jiftaħ, oħroġ il-għaġeb, ward aħmar li n-naħal ma jdakkarx, ma jmissx u lanqas itabba' !